**30 ta' Diċembru, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D**

Joan Spiteri

*versus*

Dr. Godfrey Gauci Maistre.

**Nuqqas ta' Smigħ Xieraq – Elementi li l-Qorti għandha teżamina f'Azzjoni ta' Spoll**

*Il-Qorti għamlet kronoka tal-verbali kollha biex tistabilixxi jekk jibdel tassew il-konvenut kienx imċaħħad milli jsemmà leħnu matul l-azzjoni u sabet kontra s-sottomissjoni tiegħu.*

*Il-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll. Illi d-dikjarazzjoni ġuramentata stess tal-konvenut dawn il-fatti kienu diġà – sostanzjalment stabbilita b'ammissjoni.*

Il-Qorti: –

*Il-fatti.*

1. L-attriċi esponiet illi fl-**4 ta' Marzu, 1987**, il-konvenut neħħa xibka tal-ħadid li kienet qiegħda fuq il-bokka ta' "*shaft*" fil-bitħa ta' Flat 1, Markita Court, Gużè Howard Street, Sliema, proprjetà tagħha, billi tela' mix-"*shift*" mill-*garage* tiegħu, sottostanti l-appartament;

2. Il-konvenut espona illi (a) ix-xaft huwa tiegħu; (b) fil-**21 ta' Novembru, 1986**, l-attriċi waħlet l-imsemmija grada tal-ħadid u b'hekk meta huwa ried iwaħħal "*skylight*" biex ikollu d-dawl imma ma tidħollux xita, kellha ta' bilfors tinqalà l-grada jew gradilja ta' l-attriċi;

3. Il-kawża ġiet, fl-ewwel grada, deċiża fis-27 ta' Gunju, 1994, u fl-istess, jingħad:-

"Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi li biha, wara li ppremettiet:

li fl-4 ta' Marzu, 1987 il-konvenut illegalment u abbużivament *irrimouva* xibka *tal-ħadid ('grill') li kienet qiegħda* tgħatti l-bokka tax-xaft li hemm fil-bitħa tal-fond proprjetà ta' l-attriċi Flat 1, Markita Court Gużè Howard Street, Sliema u dan wara li telà minn dan ix-xaft mill-*garage* tiegħu li jinsab taħt l-imsemmi flat;

U li dan l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti fil-konfront tagħha;

U li l-konvenut interpellat jerġà jqiegħed l-imsemmija xibka tal-ħadid f' postha, naqas;

Talbet li, għalhekk, il-konvenut jgħid il-għaliex, għar-raġunijiet premessi, m'għandux minn din il-Qorti;

1. Jiġi ddikjarat u deċiż illi t-tneħħija tax-xibka tal-ħadid (grill) da parti tiegħu mill-bokka tax-xaft li hemm fil-bitħa tal-Flat 1, Markita Court, Guzè Howard Street, Sliema proprjetà tagħha tammonta għal spoll vjolenti fil-konfront tagħha; u ;

2. Jiġi kkundannat sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit mill-Qorti, jirripristina din ix-xibka tal-ħadid (grill) għall-istat antiċidenti qabel ma neħħiha u, fin-nuqqas, l-attriċi tiġi awtorizzata tagħmel dan ix-xogħol a spejjeż tal-konvenut;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja tat-2 ta' April 1987 u b'riverża ta' kull azzjoni spettanti lill-attriċi kontra l-konvenut, li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut, fit-22 ta' Ġunju, 1994, ċjoè erbatax-il ġurnata wara li l-kawża ġiet iddifferita għas-sentenza li huwa bbażat fuq il-pretest li huwa ma ġiex mogħti l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu. Din il-Qorti għalhekk, sejra, fl-ewwel, lok, tiddisponi minn dan ir-rikors tiegħu;

Jingħad li l-Qorti tirrikonoxxi pjenament id-dritt li wieħed jiddefendi dawk li huwa jidhirlu li huma d-drittijiet leġittimi tiegħu b'kull mezz permess mil-Liġi; però, minn naħa l-oħra, l-Qorti ma tistax tippermetti dak li hija jidhrilha li hu abbuż tal-proċessi tagħha u, fuq kollox, il-Qorti ma tistax tittollera kull tentattiv dirett biex jirrendi l-proċeduri quddiemha ineffikaċi u b'hekk iwaqqaf il-kors ta' l-amministarazzjoni tal-ġiustizzja;

*Omissis;*

Din il-qorti qegħda, għalhekk, tiċħad it-talba tal-konvenut għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Fir-rigward tat-talba l-oħra, dik ċjoè biex il-Qorti tiddekreta r-riskors tiegħu tal-21 ta' Jannar 1994, jingħad li t-talba kkontenuta f'dan ir-rikors għas-sospensjoni tas-sentenza kienet ġiet ottenuta bl-appel tiegħu li kien ġie intavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors u t-talba għall-eskuzzjoni tal-periti ġudizzjarji kienet tifforma parti mill-mertu ta' l-appell li, kif intqal, ġie ddikjarat inattendibbli

u l-konvenut *ma reġax għamel din* it-talba fis-seduta tat-8 ta' Ġunju, 1994 meta l-kawża reġegħet marret għas-sentenza u, f'dan l-istadju, ma għandux dritt li jeskuti lill-periti ġudizzjarji; għalhekk, din l-aħħar talba qiegħda tiġi miċħuda;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni ta' l-attriċi hija dik ta' spoll privileġġjat ikkontemplata mil-Liġi skond l-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili u skond l-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Origanizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Skond il-kawżali taċ-ċitazzjoni, l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti fil-konfront ta' l-attriċi billi qabad u neħħa xibka tal-ħadid (grill) li kienet qiegħda tgħatti l-bokka ta' 'shaft' li kienet qiegħda fil-bitħa retroposta għall-flat 1, Markita Court, Gużè Howard Street, Sliema, propjetà ta' l-attriċi u li dan sar wara li l-konvenut telà minn dan ix-*'shaft'* mill-*'garage'* tiegħu *li* jiġi sottopost għall-fond ta' l-attriċi;

Il-konvenut, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet jgħid biss li d-domandi attriċi għandhom jiġu respinti għaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt però, imbagħad, fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu jammetti l-fatt li, fil-25 ta' Frar, 1986, bniedem inkarigat minnu kellu bilfors jaqlà l-isprall in kwistjoni biex minfloku jwaħħal *'skylight'* li kien ordna minn żmien ilu biex jitpoġġa fuq dan ix-*'shaft'*. Inoltre, huwa jgħid li l-attriċi kienet hi stess abbużivament u illegalment waħħlet dan l-isprall tal-ħadid, fuq il-parti ta' l-opra morta tax-*'shaft' li* tappartjeni *lilu*, *fil-21* ta' Novembru, 1986; għalhekk, u għal raġunijiet oħra li huwa jsemmi fl-istess dikjarazzjoni, huwa jippretendi li ma kkommetta l-ebda spoll fil-konfront ta' l-attriċi;

Jirriżulta li l-attriċi, li hija legalment separata minn żewġha, hija proprjetarja tal-fond Flat 1, Markita Court, Howard Street, Sliema li huwa wkoll ir-residenza tagħha. Jirriżulta wkoll li, fl-10 ta' Jannar, 1986, l-attriċi waħħlet din ix-xibka tal-ħadid mal-bokka tax-xaft li hemm fil-bitħa ta' dan il-flat (ara ritratti a fol. 82 tal-proċess) biex b'hekk tassigura li ħadd ma jkunu jistà jitlà mill-*garage* tal-konvenut, li huwa sottopost għall-flat tagħha , u jsib ruħu fil-proprjetà tagħha;

L-attriċi xehdet li, fil-5 ta' Marzu, 1987, għal xid-9.30a.m., ħarġet fil-bitha u sabet din l-'grille' mixħuta fl-art u minflokha sabet 'skylight' kbir imwaħħal *'at an angle'* biex ix-xita taqa' fil-bitħa tagħha u magħmul jinfeta b'bieba waħda beraħ 'il fuq. L-attriċi tgħid li dan bilfors sar il-ġurnata ta' qabel, ċjoè fl-4 ta' Marzu, 1987, bejn is-2.30p.m. u t-8.30p.m., meta l-ġirien kollha tagħha jafu li ma tkunx id-dar. Dan tgħidu għaliex sas-2.30 kienet għadha d-dar u daħlet fit-8.30 p.m. meta kien ġja d-dlam u, fil-fatt, waħda mill-ġirien tagħha kkonfermatilha li semgħet l-inċident jiġri;

*Omissis;*

Issa, skond l-artikolu 535 (1) tal-Kodiċi Ċivili, f'kawża ta' spoll m'hemm lok għall-ebda indaġni oħra barra minn dik li tistabilixxi (a) **il-fatt** ta' pusses / dentenzjoni u (b) **il-fatt ta' spoll**;

Fil-każ in eżami, jirriżulta li l-attriċi għandha l-pussess tal-bitħa fejn hemm il-bokka tax-'shaft' in kwistjoni u kienet hi li, fl-10 ta' Jannar, 1986 waħħlet ix-xibka tal-ħadid fuq din il-bokka. Għalhekk, m'hemmx dubju li l-attriċi kellha l-pussess tax-'shaft' bix-xibka tal-ħadid b'kollox;

Jirriżulta wkoll illi sar att spoljattiv fil-konfront ta' l-attriċi billi tneħħiet din ix-xibka tal-ħadid li kienet imwaħħla mal-bokka tax-'shaft minn xi ħadd li daħal fil-proprjetà ta' l-attriċi u qala' x-xibka u waħħal, minflokha, fuq il-bokka *'skylight'*. Il-konvenut jammetti li l-persuna li għamlet dan, aġixxiet fuq istruzzjonijiet tiegħu;

Kemm l-artikolu 535 (1) tal-Kap. 16 u l-artikolu 791 (1) tal-Kap. 12 jippreskrivu li l-azzjoni ta' spoll għandha tiġi esperita fi żmien xahrejn minn meta jiġi kommess l-ispoll. Jinsab assodat li l-att spoljattiv sar fl-4 ta' Marzu, 1987 u l-azzjoni odjerna ġiet intavolata fit-30 ta' April, 1987. Kwindi, anke dan ir-rekwiżit ta' l-*'infra bimestre deduxisse'* huwa sodisfatt ukoll fil-każ in disamina;

Illi, għalhekk, huwa l-każ li din il-Qorti tordna li l-konvenut, li jirriżulta li ddisturba stat ta' fatt, jerġa' jqiegħed kollox fl-istat pristinu tiegħu. Huwa biss wara li dan isir li allura l-konvenut ikun jista' jibda kull azzjoni oħra li jidhirlu xieraq; għaliex, kif huwa risaput, f'ġudizzju bħal dan il-liġi tipprojbixxi **kull eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja u**, għalhekk, ebda eċċezzjoni perentorja ma hija ammisibbli;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u *tiddeċidi adeżivament mar-raport* pertali billi takkolji t-talbiet attriċi u, konsegwentament, (1) tiddikjara illi meta l-konvenut neħħa x-xibka tal-ħadid (*grill*) minn mal-bokka tax-xaft li hemm fil-fond fuq riferit huwa kkommeta spoll vjolenti fil-konfront ta' l-attriċi u (2) tordna lill-istess konvenut sabiex fi żmien ħmistax-il ġurnata mil-lum jerġa' jagħmel kollox kif kien qabel u, fin-nuqqas, tawtorizza lill-attruċi biex tagħmel ix-

xogħol hi, a spejjeż tal-konvenut, wara li jkun għadda ż-żmien hawn fuq stabbilit;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut'';

5. L-aggravji elenkati fl-appell tal-konvenut huma illi (a) l-ewwel Onorabbli Qorti fit-trattazzjoni tal-kawża ma rrispettatlux id-drittijiet tiegħu ta' difiża, tant illi meta, wara li l-kawża reġgħet ġiet appuntata huwa ġie nnotifikat dik il-ġurnata stess meta l-udjenza kienet diġa' miexja; (b) il-Perit Tekniku ġie nnominat nonostante l-opposizzjoni tiegħu u kontra dak li jgħid l-artikolu 648 Kap. 12; (c) huwa ma tħalliex jinterroga l-periti kontra dak li hemm fl-artikolu 680 Kap. 12; (d) illi l-eċċezzjonijiet tiegħu kellhom jiġu milqugħa għaliex huwa eżerċita d-dritt ta' *vim vi repellere* u bħala propjetarju tal-bokka tax-*''shaft''*;

6. Il-qari tal-verbali ta' l-udjenzi, li minnhom għandhom jirriżultaw il-lamenti ta' l-appellanti rigward id-drittijiet tiegħu biex jiddefendi ruħu skond il-ġustizzja – ma jissufragawx dak li qed jesponi l-appellanti;

*Omissis;*

19. Minn din il-kronoka, xejn edifikanti, din il-Qorti, lanqas remotament, ma tista' tikkonsidra li l-vuċi ta' l-appellant, ġiet maħnuqa f'din il-kawża – fi trapas ta' seba' snin; – mhux biss, iżda f'kawża ta' spoll;

Naturalment, l-appellant għandu jifhem illi din il-qorti ma tistax issa teżamina l-mertu ta' l-inċident fejn huwa appella u l-istess żewġ appelli ma setgħux jinstemgħu fil-meritu minħabba

difetti proċedurali attribwibbi unikament għall-istess appellant;

21. Fil-petizzjoni ta' l-appell hemm riferenza għal żewġ dokumenti – imsemmija GGM 1 u GGM 5 – illi suppost kienu esibiti ma' l-istess att. Iżda mbagħad fil-paragrafu konklussiv jingħad,

"Illi għall-korrettezza l-esponenti mhuwiex sejjer jesebixxi dawn id-dokumenti mal-preżenti petizzjoni, *iżda*, fi stadu ulterjuri sejjer jippreżenta rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti, li fih, għal kull boun fini, sejjer jitlob awtorizzazzjoni biex jesebixxi l-imsemmija dokumenti";

Issa dan sewwa sewwa ma jiftihemx għaliex hemm l-artikolu 145 Kap. 12 li jirregola mod ieħor;

"Mal-petizzjoni, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet ta' l-ieħor";

22. B'dan kollu, il-Qorti, billi fost lamenti oħra l-konvenut issottmetta illi kien hemm transazzjoni tal-kawża – qabel ma sar l-appell, - ippermettietlu li jipproduċi fotokopja ta' din l-allegata transazzjoni - dokumenti GGM 5 – iżda rriżulta illi dak il-ftehim ta' l-**1 ta' Marzu, 1989**, kellu jiġi fformalizżat solennement b'kuntratt pubbliku u dan ma sarx. *Għalhekk* it-transazzjoni pretiża, qatt ma seħħet;

23. L-ironija ta' din il-kawża hija però illi mill-istess eċċezzjonijet tal-konvenut appellant; – din il-kawża, kellha proprjament tispiċċa wara żewġ seduti tlieta – l-aktar:

24. **Infatti**; – (a) il-proprjetà tax-"*shaft*" m'għandha ebda importanza f'**din il-kawża ta' spoll**;

(b) x'għamlet l-attriċi fil-**21 ta' Novembru, 1986** – ukoll m'għandha ebda importanza għaliex "*se mai*" il-konvenut f'**dak iż-żmien** kellu d-dritt li jagħmel huwa, kawża ta' spoll jew juża l-massima "vim vi ripellere" - dak il-ħin – (naturalment *si et quatenus*);

U dan għaliex kien mill-bidu nett ċar illi:-

(i) il-**fatt** spoljattiv kien sar mill-konvenut billi huwa, permezz tal-bajjad li qabbad, vjolentement biddel is-sitwazzjoni li kienet ilha teżisti, skond l-istess konvenut mis-26 ta' Novembru, 1986; u;

(ii) l-isprall qiegħed fil-bitħa ta' l-attriċi jinblokka l-aċess mix-"Shaft" li tinżel mill-bitħa għall-*garage* tal-konvenut;

Dawn huma ż-żewġ fatti li hemm bżonn li l-Qorti teżamina, f'kawżi bħal dawn – u lilhom **biss**;

"Il-qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pusess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll"

Kif igħid l-artikolu 791 (3) Kap. 12 u ma kien hemm l-ebda "*scale di seta*" f'din il-kawża li remotament jiġġustifikaw indaġini u provi – għaliex mid-dikjarazzjoni ġuramentat stess ta' l-appellant konvenut – dawn il-fatturi ta' fatt li jrid il-liġi kienu diġà sostanzjalment – għalhekk, imqar, indirettament – stabbiliti b'ammissjoni;

Mill-*punto di vista* tad-**dritt** imbagħad ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni - u għalhekk il-kawża kienet ta' faċilità kbira u nħlew enerġiji u żmien fil-vojt;

Għalhekk l-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata. Il-konvenut għandu jirripristina l-posizzjoni sa l-aħħar ta' Jannar 1995.